


*"In-Nawfraġju ta' San Pawl fostna serva biex providenzjalment u, minn daqshekk kmieni, aħna nirċievu l-aħbar it-tajba ta' l-Evanġelju u nsiru nafu l-Mulej Ġesu'."* (Mill-Pastorali ta' l-Isqfijiet għas-Sena Pawlina)

Hekk ikomplu jgħidulna l-Isqfijiet tagħna fl-ittra pastorali tagħhom għal din is-sena ta' grazzja li tfakkar l-anniversarju ta' l-2000 sena mit-twelid ta' San Pawl, l-Appostlu li nissilna fil-fidi.

'Minn daqshekk kmieni' aħna l-Maltin sirna Kristjani. Irċivejna don, jiġifieri, li mhux kulħadd għad kellu x-xorti li jirċevih. Don mis-sema, u għalhekk don kbir, imma li permezz tiegħu dħalna f'avventura bil-bosta ikbar, avventura divina. Qisu li l-magħmudija hija ċ-ċavetta li permezz tagħha aħna nidħlu fid-Dar tal-Missier. Id-dar hi ħafna ikbar miċ-ċavetta!

Nitolbu biex mill-bidu nett ta' din is-Sena Pawlina nintebħu x'inkunu qed nitilfu mhux biss jekk nitilfu l-fidi minħabba x-xejriet tad-dinja, bħallikieku tlifna ċ-ċavetta tad-dar, imma wkoll u fuq kollox x'inkunu qed nitilfu jekk minkejja li ngħidu li aħna nemmnu, xorta nkunu għadna ma għamilniex l-esperjenza ta' x'jiġifieri nkunu wlied ta' Alla u aħwa bejnietna, biċ-ċavetta iva f'idejna imma xorta fuq l-għatba tad-Dar t'Alla.

*Arċ. Kan Dr Joe Zammit - Qala*

## *Jistgħu jinteressawk*

*Tlieta 22 ta' Lulju: Manifestazzjoni Marjana f'Marsalforn*

*gozopress • 21551534*

## *It-Talba tal-ġimgħa*

Mulej Ġesu', agħtini l-qawwa tiegħek biex ma' nħalli ebda għadu jiżra l-ħażen fil-qalb tiegħi, ħalli qalbi tibqa' dejjem għamara tal-kelma tiegħek.



**Djoċesi ta' Għawdex**



# Bullettin tal-Ħadd

**Is-16-il Ħadd matul is-sena • Sena A • Id-39 Sena (2052) • 20 ta' Lulju 2008**

**Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew (Mt. 13, 24-43)**

F'dak iż-żmien Ġesu' qal lin-nies din il-parabbola: "Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil wieħed raġel li żara' żerriegħa tajba fl-għalqa tiegħu. Iżda xħin in-nies kienu reqdin, ġie l-għadu tiegħu, żara' s-sikrana qalb il-qamħ u telaq. Meta mbagħad il-qamħ nibet u ħareġ is-sbul, tfaċċat ukoll is-sikrana. Resqu l-qaddejja fuq sid l-għalqa u qalulu, 'Sinjur, int mhux żerriegħa tajba żrajt fl-għalqa tiegħek? Mela dis-sikrana mnejn ġiet?' Iżda hu qalilhom, 'Dil-biċċa għamilhieli xi għadu tiegħi.' 'Tridx immorru niġbruha?' qalulu l-qaddejja. 'Le,' qalilhom, 'għax intom u tiġbru s-sikrana għandkom mnejn taqilgħu magħha l-qamħ ukoll. Erħulhom jikbru t-tnejn flimkien sal-ħsad; meta mbagħad jasal il-ħsad, ngħid lill-ħassada: 'Iġbru s-sikrana l-ewwel, u orbtuha qatta qatta għall-ħruq, mbagħad qiegħdu l-qamħ fil-maħżen tiegħi.'?" Ġibilhom parabbola oħra u qalilhom: "Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil żerriegħa tal-mustarda li wieħed raġel ikun qabad u żeragħha fl-għalqa tiegħu. Hija tabilħaqq l-iżgħar waħda fost iż-żrieragħ kollha, iżda meta tikber, tkun l-akbar waħda fost il-ħxejjex u ssir siġra, hekk li l-għasafar ta' l-ajru jiġu jbejjtu fil-friegħi tagħha."



**RIFLESSJONI**

- Qed nifhem li min jiżra' l-ħażen fil-qalb tagħna dak huwa għadu ta' ruħna ?
- Ġesu' jara l-ħażen jikber fil-għalqa tiegħu u jittollerah, sa ma' jasal il-waqt ta' l-għażla ta' l-aħħar.
- Kull bniedem irid jagħti kont ta' dak li jkun żera' f'ħajtu : kemm it-tajjeb u kemm il-ħażin.
- Bl-iżgħar zerriegħa ta' kelma li ngħidu jew nirċievu nistgħu nibnu saltna kbira kemm tat-tajjeb u kemm tal-ħażin.
- Jien x'tip ta' ħaxix qiegħed inkun fil-għalqa tal-Mulej : qamħ jew sikrana ?